

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

L 301

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

20 ta' Novembru 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1349/2007 tad-19 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

DEĊIŻJONIJET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

★ **Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) ⁽¹⁾ 3**

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja*

DEĊIŻJONIJET

Kummissjoni

2007/742/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja lill-pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass (notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5492) ⁽¹⁾ 14**

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

BAGĪTS

Dokumenti mehmuża mal-budget ġenerali għall-Unjoni Ewropea

2007/743/KE:

- ★ L-ewwel *budget* ta' emenda ta' l-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini (EMEA) għall-2007 26
-

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

- ★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/744/PESK tad-19 ta' Novembru 2007 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK dwar l-istabiliment ta' grupp ta' l-UE biex jikkontribwixxi għall-preparazzjonijiet ta' l-istabiliment ta' Missjoni Internazzjonali Ċivili possibbli fil-Kosovo, inkluż komponent ta' Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Grupp ta' Preparazzjoni ICM/EUSR)** 27
-

Corrigendum

- ★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1347/2007 tas-16 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali ta' Rapportaġġ Finanzjarju (IFRS) 8 (1) (ĠU L 300 tas-17.11.2007)** 28



I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1349/2007

tad-19 ta' Novembru 2007

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

- (2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

ANNEX

tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MA	56,2
	MK	46,0
	TR	85,4
	ZZ	62,5
0707 00 05	JO	196,3
	MA	55,2
	TR	90,0
	ZZ	113,8
0709 90 70	MA	56,6
	TR	99,3
	ZZ	78,0
0709 90 80	EG	336,4
	ZZ	336,4
0805 20 10	MA	77,1
	ZZ	77,1
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	HR	40,2
	IL	67,9
	TR	75,7
	UY	98,5
	ZZ	70,6
0805 50 10	AR	71,1
	TR	100,5
	ZA	54,7
	ZZ	75,4
0806 10 10	BR	236,1
	TR	130,6
	US	285,7
	ZZ	217,5
0808 10 80	AR	91,9
	BR	82,0
	CA	88,9
	CL	86,0
	CN	81,2
	MK	31,5
	US	99,2
	ZA	81,5
	ZZ	80,3
0808 20 50	AR	49,0
	CN	52,8
	TR	105,2
	ZZ	69,0

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

DEĊIŻJONI Nru 1350/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Ottubru 2007

li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

FIL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Il-Komunità tista' tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini permezz ta' azzjonijiet fil-qasam tas-saħħa pubblika. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet Komunitarji kollha. Skond l-Artikolu 152 tat-Trattat, il-Komunità teħtieġ tadotta rwol attiv billi tiegħu miżuri li ma jstgħux jittieħdu minn Stati Membri individwali, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-Komunità tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabilitajiet ta' l-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika.

⁽¹⁾ ĠU C 88, 11.4.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 192, 16.8.2006, p. 8.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Marzu 2006 (ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 372), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2007 (ĠU C 103 E, 8.5.2007, p. 11) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2007.

- (2) Is-settur tas-saħħa hu karatterizzat min-naħa mill-potenzjal konsiderevoli tiegħu għat-ktabbir, l-innovazzjoni u d-dinamiżmu u min-naħa l-oħra mill-isfidi li jħabbat wiċċu magħhom f'termini ta' sostenibbiltà finanzjarja u soċjali u l-effiċjenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa minħabba, fost affarijiet oħra, l-popolazzjoni li qiegħda tixjeh u l-progress mediku.

- (3) Il-programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008), adottat bid-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, kien l-ewwel programm integrat tal-Komunità Ewropea f'dan il-qasam, u dan diġà ipprova għadd ta' żviluppi u titjib importanti.

- (4) Jinħtieġ sforz kontinwu sabiex jintlaħqu l-għanijiet li ġew stabbiliti diġà mill-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika. Huwa għalhekk xieraq li jiġi stabbilit t-tieni Programm ta' azzjoni Komunitarja dwar is-saħħa (2008-2013) (minn hawn 'il quddiem "il-Programm").

- (5) Jeżisti numru ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa li jista' jkollu dimensjoni dinjija u qiegħed jifacċa theddid ġdid li jeħtieġ aktar azzjoni Komunitarja. Il-Komunità għandha tittratta t-theddid serju transkonfinali lis-saħħa bħala prijorità. Il-Programm għandu jagħmel enfasi fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ġenerali Komunitarji billi jiżviluppa aktar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Il-monitoraġġ, it-twissija bikrija u azzjoni biex jiġu miġġielda theddid serju għas-saħħa huma oqsma importanti fejn rispons effettiv u kkoordinat għat-theddid tas-saħħa għandu jiġi promoss fil-livell Komunitarju. Azzjonijiet li jiżguraw kooperazzjoni djanjostika ta' kwalità għolja bejn laboratorji huma meħtieġa bħala tweġiba għat-theddid għas-saħħa. Il-Programm għandu jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' sistema ta' laboratorji ta' referenza Komunitarji. Madankollu, tali sistema teħtieġ li tkun ibbażata fuq bażi legali soda.

⁽⁴⁾ ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 7).

- (6) Skond ir-rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) fuq is-Saħħa Ewropea ta' l-2005, fir-rigward ta' Snin ta' Ħajja Aġġustati minħabba Diżabbiltà (DALYs) il-kawżi l-aktar importanti tal-piż tal-mard fir-Reġjun Ewropew tad-WHO huma l-mard li ma jittexidx (NCDs – 77 % tat-total), kawżi esterni ta' korriment u avvelenament (14 %) u mard li jittieħed (9 %). Seba' kondizzjonijiet ewlenin – il-mard tal-qalb iskemiku, dipressjoni unipolari, mard ċerebrovaskulari, mard relatat ma' l-użu ta' l-alkoħol, mard kroniku pulmonari, kankru fil-pulmun u leżjonijiet kkważati minn inċidenti tat-traffiku-jammontaw għal 34 % tad-DALYs fir-Reġjun. Is-seba fatturi ewlenin ta' riskju – it-tippj, l-alkoħol, il-pressjoni għolja, il-kolesterol għoli, l-obeżità, il-konsum baxx ta' frott u ħaxix u n-nuqqas ta' attività fiżika – jammontaw għal 60 % tad-DALYs. Barra minn hekk, il-mard li jittieħed bħall-HIV/AIDS, l-influenza, it-tuberkolożi u l-malarja qegħdin ukoll jheddu s-saħħa tan-nies fl-Ewropa. Il-Programm, għandu jkollu l-kompitu importanti li fkooperazzjoni fejn xieraq, flimkien mal-Programm Komunitarju tal-Istatistika, jidentifika aħjar il-piżijiet ewlenin tas-saħħa fil-Komunità.
- (7) Tmien kawżi ewlenin ta' mewt u morbożità mill-NCDs fir-Reġjun Ewropew tad-WHO huma l-mard kardjovaskulari, mard neuropsikjatriku, il-kanċer, mard fis-sistema diġetiva, mard respiratorju, mard tal-organi neurosensorjali, mard fl-għadam u fil-muskoli u d-dijabete mellitus. Il-Programm, b'sinerġija ma' inizjattivi u finanzjamenti Komunitarji oħra, għandu jikkontribwixxi għal għarfien aħjar u informazzjoni dwar il-prevenzjoni, id-djanjożi u l-kontroll tal-mard ewleni. B'dan il-mod, il-Kummissjoni, waqt l-iżvolġiment tal-Programm, tista' tippreżenta proposti għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill pertinenti. Il-Programm għandu wkoll irawwem koordinazzjoni u sinerġiji xierqa fost l-inizjattivi Komunitarji li jirrigwardaw il-ġbir ta' data komparattiva dwar il-mard ewleni, inkluż dwar il-kanċer.
- (8) Ir-reżistenza mikrobika għall-anti-bijotiċi u infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar qegħdin isiru theddida għas-saħħa fl-Ewropa. Nuqqas ta' anti-bijotiċi effettivi ġodda kif ukoll nuqqas ta' mezzi biex jiġi żgurati l-użu xieraq tal-anti-bijotiċi eżistenti huma ta' tħassib prinċipali. Għalhekk huwa importanti li tinġabar u tiġi analizzata d-data rilevanti.
- (9) It-tisħiħ tar-rwol taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ huwa importanti fil-ġlieda kontra l-mard li jittieħed.
- (10) Il-Programm għandu jkun imsejjes fuq il-kisbiet tal-programm preċedenti għall-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008). Huwa għandu jikkontribwixxi lejn il-kisba ta' livell għoli ta' saħħa fiżika u mentali u ugwaljanza akbar fil-kwistjonijiet ta' saħħa fil-Komunità kollha billi l-azzjonijiet jiġu diretti lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-mard u diżordnijiet oħra tal-bniedem, u t-tneħħija ta' sorsi ta' perikolu għas-saħħa sabiex tiġi miġġielda l-morbożità u l-mewt prematura. Għandu jikkontribwixxi ulterjorment biex jipprovi liċ-ċittadini b'aċċess aħjar għal informazzjoni u biex b'hekk tiżdied l-abilità tagħhom li jiehdju deċiżjonijiet li l-aħjar jaqdu l-interessi tagħhom.
- (11) Il-Programm għandu jenfasizza t-titjib tal-kundizzjoni tas-saħħa tat-tfal u ż-żgħażaġh u jippromwovi stil ta' ħajja san u kultura ta' prevenzjoni fosthom.
- (12) Il-Programm għandu jappoġġa l-integrazzjoni tal-għanijiet tas-saħħa fil-linji politiċi u l-attivitatijiet Komunitarji kollha, mingħajr ma jirdoppja x-xogħol imwettaq taħt linji politiċi Komunitarji oħra. Il-koordinazzjoni ma' linji politiċi u programmi oħra tal-Komunità huma parti ewlenija tal-għan ta' integrazzjoni tas-saħħa flinji politiċi oħrajn. Sabiex jiġu promossi s-sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni, jistgħu jittieħdu azzjonijiet konġunti ma' programmi u azzjonijiet relatati tal-Komunità u għandu jsir użu xieraq ta' fondi u programmi oħra Komunitarji inklużi l-programmi kwadri attwali u futuri tal-Komunità għar-riċerka u r-riżultati tagħhom, il-Fondi Strutturali, u l-Fond Ewropew għas-Solidarjetà, l-Istrateġija Ewropea għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, il-programm t'azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013)⁽²⁾, il-programm "Prevenzjoni tad-Droga u Informazzjoni", il-programm "Niġġieldu kontra l-Vjolenza (Daphne)" u l-Programm Komunitarju ta' l-Istatistika fl-attivitatijiet rispettivi tagħhom.
- (13) Għandhom isiru sforzi speċjali biex jiġu żgurati koerenza u sinerġiji bejn il-Programm u l-azzjonijiet esterni tal-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-influenza tat-tjur, l-HIV/AIDS, it-tuberkolożi u theddid ieħor transkonfinali għas-saħħa. Barra minn hekk, għandu jkun hemm kooperazzjoni internazzjonali li tippromwovi r-riforma ġenerali tas-saħħa u l-kwistjonijiet istituzzjonali ġenerali tas-saħħa f'pajjiżi terzi.
- (14) Iż-żieda fis-Snin ta' Ħajja Sana (HLY) permezz tal-prevenzjoni ta' mard u l-promozzjoni ta' linji politiċi li jwasslu għal stil ta' ħajja aktar san, hija importanti għall-benesseri taċ-ċittadini ta' l-UE u tgħin sabiex jiġu milqugħa l-isfidi tal-proċess ta' Lisbona fir-rigward tas-soċjetà tal-għarfien u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li huma taħt pressjoni minħabba l-ispejjeż dejjem jiżdiedu tal-kura tas-saħħa u s-sigurtà soċjali.

(1) ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

(2) Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

- (15) It-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea għab miegħu tħassib ulterjuri għal dak li għandu x'jaqşam mal-inugwaljanzi tas-saħħa fi ħdan l-UE u probabbilment li dan it-tħassib jinħass fi tkabbir futur. Għalhekk, din il-kwistjoni għandha tkun waħda mill-prijoritajiet tal-Programm.
- (16) Il-Programm għandu jgħin fl-identifikazzjoni tal-kawżi tal-inugwaljanzi tas-saħħa u jħeġġeġ, fost affarijiet oħra, l-iskambju ta' l-aħjar prassi biex dawn jiġu indirizzati.
- (17) Jeħtieġ li d-data komparabbli tiġi sistematikament miġbura, proċessata u analizzata, fi ħdan limiti nazzjonali, għal monitoraġġ effettiv tal-istat tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea. Dan jippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex itejbu t-tagħrif għall-pubbliku u jfasslu strateġiji, politika u azzjonijiet xierqa biex jinkiseb livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi u n-netwerks għall-iskambju ta' tagħrif u data għall-iżvilupp tas-saħħa pubblika għandhom jiġu segwiti fl-azzjonijiet u l-miżuri ta' appoġġ. Is-sess, l-istatus soċjo-ekonomiku u l-età huma konsiderazzjonijiet tas-saħħa importanti. Il-ġbir ta' data, safejn hu possibbli għandu jibni fuq xogħol li diġà sar, u proposti għal ġbir għdid għandhom jirriflettu l-ispiża u jkunu bażati fuq hteġa ċara. Il-ġabra tad-data għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet legali rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data personali.
- (18) L-aħjar prassi hi importanti minħabba li l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' l-effiċjenza u l-effettività u mhux biss f'termini ekonomiċi. Għandha tiġi promossa l-aħjar Prattika u l-aħjar metodi ta' trattament ta' mard u ta' korrimenti sabiex tiġi evitata aktar deterjorazzjoni tas-saħħa, u għandhom jiġu żviluppati netwerks Ewropej ta' referenza għal kundizzjonijiet speċifiċi.
- (19) Għandha tittieħed azzjoni sabiex jiġu evitati korrimenti billi jsir ġbir ta' data, analiżi tal-fatturi determinanti tależjoni u tixrid ta' l-informazzjoni rilevanti.
- (20) Is-servizzi tas-saħħa huma primarjament ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri iżda l-kooperazzjoni fil-livell Komunitarju tista' tibbenefika lill-pazjenti u lis-sistemi tas-saħħa. Attivitajiet finanzjati mill-Programm kif ukoll proposti ġodda żviluppati bħala riżultat ta' dawn, għandhom jagħtu kont debitu lill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar valuri u prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa ta' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ adottati f'Ġunju 2006 li jendorsjaw dikjarazzjoni dwar il-valuri u l-prinċipji komuni tas-Sistemi tas-Saħħa ta' l-UE u jistiednu lill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea biex jirrispettawhom fil-ħidma tagħhom. Il-Programm għandu jieħu kont ta' żviluppi futuri fir-rigward ta' azzjoni Komunitarja dwar is-servizzi tas-saħħa kif ukoll tal-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Servizzi tas-Saħħa u l-Kura Medika, li jipprovdi forum importanti għall-kollaborazzjoni u l-iskambju ta' l-aħjar Prattika bejn is-sistemi ta' saħħa ta' l-Istati Membri.
- (21) Il-Programm għandu jikkontribwixxi għall-ġabra ta' data, il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' metodi u għodda, l-istabiliment ta' netwerks u tipi differenti ta' kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' linji politiċi rilevanti dwar il-mobbiltà ta' pazjenti kif ukoll dwar il-mobbiltà tal-professjonisti tas-saħħa. Għandu jħaffef l-iżvilupp 'il quddiem taż-Żona e-Saħħa Ewropea, permezz ta' inizzjattivi Ewropej konġunti ma' żoni oħra ta' politika ta' l-UE, li jinkludu l-politika reġjonali, filwaqt li jikkontribwixxi lejn xogħol bażat fuq il-kriterji tal-kwalità għal websites relatati mas-saħħa u lejn il-karta Ewropea tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Għandu jittieħed kont tat-telemecine peress li applikazzjonijiet tat-telemecine jistgħu jikkontribwixxu għall-kura transkonfinali filwaqt li jiżguraw il-kura medika fid-dar.
- (22) Tniġġis ambjentali hu riskju serju għas-saħħa u kawża ewlenija ta' tħassib għaċ-ċittadini Ewropej. Azzjoni speċjali għandha tiffoka fuq it-tfal u gruppi oħra li huma partikolarment vulnerabbli għal kondizzjonijiet ambjentali perikolużi. Il-Programm għandu jikkomplimenta l-azzjonijiet meħuda fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għas-Saħħa u l-Ambjent 2004-2010.
- (23) Il-Programm għandu jindirizza kwistjonijiet ta' saħħa marbuta mas-sess u max-xjuħija.
- (24) Il-Programm għandu jagħraf l-importanza ta' approċċ olistiku għas-saħħa pubblika u jqis, fejn hu xieraq u fejn hemm provi xjentifiċi jew kliniċi dwar l-effikaċja tagħha, il-mediċina kumplimentari u alternattiva fl-azzjonijiet tiegħu.
- (25) Il-prinċipju ta' prekawżjoni u l-valutazzjoni tar-riskju huma fatturi ewlenin għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u għalhekk għandhom ikunu parti mill-integrazzjoni ulterjuri fil-linji politiċi u attivitajiet Komunitarji oħra.
- (26) Din id-Deċiżjoni tistabilixxi pakkett finanzjarju, għat-tul kollu tal-Programm, li jikkostitwixxi ir-referenza prinċipali fit-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda ⁽²⁾, għall-awtorita' baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.

⁽¹⁾ ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

- (27) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet u l-inizjattivi meħuda mill-Komunità u mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Programm, jeħtieġ li tiġi promossa kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tittejjeb l-effettività tan-netwerks eżistenti u futuri fil-qasam tas-saħħa pubblika. Il-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fuq livell adattat skond is-sistemi nazzjonali għandhom jitqiesu fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-Programm.
- (28) Jeħtieġ li jiżdied l-investiment ta' l-UE fis-saħħa u l-proġetti relatati mas-saħħa. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri huma mħeġġa jidentifikaw it-titjib tas-saħħa bħala prijorità fil-programmi nazzjonali tagħhom. Għar-fien aħjar dwar il-possibilitajiet tal-finanzjament ta' l-UE għas-saħħa hu meħtieġ. Għandu jiġi mħeġġeġ l-iskambju ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri dwar il-finanzjament tas-saħħa permezz tal-Fondi Strutturali.
- (29) Korpi mhux governattivi u networks speċjalizzati jistgħu wkoll ikollhom rwol importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Programm. Sabiex isegwu wieħed jew aktar mill-għanijiet tal-Programm dawn jistgħu jeħtieġu kontributi Komunitarji biex ikunu jistgħu jiffunzjonaw. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti kriterji dettaljati ta' eliġibbiltà, dispożizzjonijiet rigward it-trasparenza finanzjarja u l-perjodu tal-kontributi Komunitarji għal korpi mhux governattivi u networks speċjalizzati li jikkwalifikaw għal appoġġ Komunitarju skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni⁽¹⁾. Tali kriterji jkunu jinkludu l-obbligi ta' tali korpi u networks fl-istabbiliment ta' għanijiet ċari, pjanijiet ta' azzjoni u riżultati li jitkejjlu li jirrapreżentaw dimensjoni Ewropea b'saħħitha u valur miżjud reali għall-għanijiet tal-Programm. Minħabba n-natura partikolari tal-organizzazzjonijiet konċernati u f'każijiet ta' utilità eċċezzjonali, għandu jkun possibli li t-tiġdid ta' l-appoġġ Komunitarju għall-operat ta' tali korpi u networks speċjalizzati jiġi eżentat mill-prinċipju ta' tnaqqis gradwali tal-livell ta' appoġġ Komunitarju.
- (30) L-implimentazzjoni tal-Programm għandha ssir b'kooperazzjoni mill-qrib mal-għaqdiet u l-aġenziji rilevanti, b'mod partikolari maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard.
- (31) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li tiġi rispettata l-ħtieġa għat-trasparenza kif ukoll bilanċ raġionevoli bejn l-għanijiet differenti tal-Programm.
- (32) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim ŻEE) jipprovdi għall-kooperazzjoni fl-oqsma tas-saħħa bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa u l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles li jipparteċipaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-pajjiżi EFTA/ŻEE), min-naħa l-oħra. Għandu wkoll jiġi previst li l-Programm jinfetħ għall-parteċipazzjoni minn pajjiżi oħra, b'mod partikolari l-pajjiżi ġirien tal-Komunità u pajjiżi li qed japplikaw għal adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea, jew li huma kandidati jew ser jaderixxu magħha, filwaqt li jitqies b'mod partikolari il-potenzjal għat-theddid għas-saħħa li jirriżulta f'pajjiżi oħra li jkollu impatt fil-Komunità.
- (33) Relazzjonijiet xierqa ma' pajjiżi terzi li mhux qed jipparteċipaw fil-Programm għandhom jiġu faċilitati b'għajnuna għall-kisba tal-għanijiet tal-Programm, filwaqt li jitqies kull ftehim rilevanti bejn daww il-pajjiżi u l-Komunità. Dan jista' jinvolve pajjiżi terzi li jmxexxu 'l quddiem attivitajiet kumplimentari għal daww finanzjati permezz tal-Programm f'oqsma ta' interess reċiproku, iżda m' għandhomx jinvolve kontribut finanzjarju taħt il-Programm.
- (34) Huwa xieraq li tiġi żviluppata kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħalma huma n-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, b'mod partikolari d-WHO, kif ukoll mal-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, bil-ħsieb li jiġi implimentat il-Programm permezz tal-massimizzazzjoni ta' l-effettività u l-effiċjenza ta' azzjonijiet marbuta mas-saħħa fuq livell Komunitarju u internazzjonali, filwaqt li jittieħed kont tal-kapaċitajiet u r-rwoli partikolari ta' l-organizzazzjonijiet differenti.
- (35) L-implimentazzjoni b'suċċess ta' l-għanijiet taħt il-Programm għandha tiġi bbażata fuq kopertura tajba tal-kwistjonijiet inklużi fil-pjanijiet ta' ħidma annwali, l-għażla ta' azzjonijiet adatti u finanzjament ta' proġetti, li kull fihom proċess xieraq ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, u monitoraġġ u evalwazzjoni regolari, inkluż evalwazzjonijiet esterni indipendenti, li għandhom iqisu l-impatt tal-azzjonijiet u juru l-kontribut tagħhom għall-għanijiet globali tal-Programm. L-evalwazzjoni tal-Programm għandha tieħu kont tal-fatt li l-kisba ta' l-għanijiet tal-Programm jistgħu jeħtieġu tul ta' żmien itwal mill-perjodu tal-Programm.
- (36) Il-pjanijiet ta' ħidma annwali għandhom ikopru l-attivitajiet prinċipali previsti biex jiġu finanzjati mill-Programm permezz tal-mekkaniżmi differenti kollha ta' finanzjament, inkluż sejħiet għal offertri.

(¹) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(37) Peress li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jstgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba n-natura transnazzjonali tal-kwistjonijiet involuti, u għalhekk jstgħu, minħabba l-potenzjal għal azzjoni Komunitarja li jkunu aktar effiċjenti u effettivi minn azzjoni nazzjonali waħedha fil-ħarsien tas-saħħa u tas-sikurezza taċ-ċittadini, jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(38) Skond l-Artikolu 2 tat-Trattat, li jipprovdi li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hu prinċipju tal-Komunità, u skond l-Artikolu 3(2) tiegħu, li jipprovdi li l-Komunità għandha timmira li tneħħi l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-attivitajiet Komunitarji kollha inkluż il-kisba ta' livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa, l-għanijiet u l-azzjonijiet kollha koperti mill-Programm jikkontribwixxu għal promozzjoni ta' fehim u għarfien aħjar tal-ħtiġijiet tan-nisa u ta' l-irġiel rispettivament u l-mod tagħhom ta' kif iħarsu lejn is-saħħa.

(39) Hu xieraq li tiġi żgurata transizzjoni xierqa bejn il-Programm u l-programm preċedenti li jibdlu, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontinwità ta' arranġamenti pluriennali għat-tmexxija tiegħu, bħal finanzjament ta' assistenza teknika u amministrattiva. Mill-1 ta' Jannar 2014, l-appropriazzjoni ta' assistenza teknika u amministrattiva għandhom ikopru, jekk meħtieġ, l-infiq relatat mat-tmexxija ta' azzjonijiet li jkunu għadhom ma ġewx iffinalizzati sa l-aħħar ta' l-2013.

(40) Din id-Deċiżjoni tiegħu post id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE. Dik id-Deċiżjoni għandha għalhekk tiġi mħassra,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-istabbiliment tal-Programm

It-tieni Programm ta' "azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)" li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 (minn issa 'l quddiem "il-Programm") huwa b'dan stabbilit.

Artikolu 2

Miri u għanijiet

1. Il-Programm għandu jikkomplementa, jappoġġa u jżid valur lil-linji politiċi tal-Istati Membri u jikkontribwixxi għal solidarjetà u prosperità akbar fl-Unjoni Ewropea bil-protezzjoni

u l-promozzjoni tas-saħħa tal-bniedem u s-sikurezza u t-titjib tas-saħħa pubblika.

2. L-għanijiet li għandhom jiġu segwiti tul l-azzjonijiet stabbiliti fl-Anness għandhom ikunu:

— It-titjib tas-sigurtà tas-saħha taċ-ċittadini,

— Il-promozzjoni tas-saħħa, inkluż it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa,

— Il-ħolqien u t-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa.

L-azzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, fejn xieraq, jappoġġaw il-prevenzjoni ta' mard ewlieni u jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' l-inċidenza tagħhom kif ukoll għall-morbożità u l-mortalità kkawżata minnhom.

Artikolu 3

Finanzjament

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1 huwa hawn stabbilit għal EUR 321 500 000.

2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

Artikolu 4

Kontributi finanzjarji

1. Kontributi finanzjarji mill-Komunità m'għandhomx jeċċedu l-livelli li ġejjin:

(a) 60 % ta' l-ispejjeż għal azzjoni maħsuba biex tgħin sabiex jintlaħaq għan li jagħmel parti mill-Programm, minbarra f'każijiet ta' utilità eċċezzjonali fejn il-kontribut Komunitarju m'għandux jaqbeż it-80 %; u

(b) 60 % ta' l-ispejjeż għall-operat ta' korp mhux governattiv jew network speċjalizzat, mhux għall-profitt u huwa indipendenti mill-industrija, l-interessi kummerċjali u ta' negozju jew interessi oħrajn li joħlqu kunflitt, għandu membri mill-inqas f'nofs l-Istati Membri, b'kopertura ġeografika bilanċjata, u jsegwi għan wieħed jew aktar tal-Programm bħala l-mira primarja tiegħu, fejn tali appoġġ huwa meħtieġ għat-twettiq ta' dawk l-għanijiet. Fil-każijiet ta' utilità eċċezzjonali, il-kontribut Komunitarju m'għandux jaqbeż it-80 %.

2. It-tiġdid ta' kontributi finanzjarji stipulat fil-paragrafu 1(b) lill-korpi mhux governattivi u networks speċjalizzati jista' jiġi eżentat mill-prinċipju ta' tnaqqis gradwali.

3. Il-kontributi finanzjarji mill-Komunità jistgħu, fejn jixraq, minħabba n-natura tal-għan li għandu jinkiseb, jinkludu finanzjament konġunt mill-Komunità u Stat Membru wieħed jew aktar jew mill-Komunità u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi parteċipanti l-oħra. F' dan il-każ, il-kontribut Komunitarju m'għandux jaqbeż il-50 %, ħlief f'każijiet ta' utilità eċċezzjonali, fejn il-kontribut Komunitarju m'għandux jaqbeż is-70 %. Dawn il-kontributi Komunitarji jistgħu jingħataw lil korp pubbliku jew korp mhux governattiv, li ma jkunx jopera bi qliegħ u jkun indipendenti mill-industrija, il-kummerċ u n-negozju jew interessi konfliġġenti oħrajn, u li bħala l-għan ewlieni tiegħu jkun isegwi wieħed jew iżjed mill-oġettivi tal-Programm, magħżul permezz ta' proċedura trasparenti mill-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti kkonċernata u bil-qbil tal-Kummissjoni.

4. Il-kontributi finanzjarji mill-Komunità jistgħu wkoll jingħataw fil-forma ta' somma globali u finanzjament b'rata fissa fejn dan jaqbel għan-natura tal-azzjonijiet kkonċernati. Għal kontributi finanzjarji bħal dawn il-limiti perċentwali stipulati fil-paragrafi 1 u 3 m'għandhomx japplikaw, minkejja li xorta waħda jinħtieġ ko-finanzjament.

Artikolu 5

Assistenza teknika u amministrattiva

1. L-allokazzjoni finanzjarja tal-Programm tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati ma' attivitajiet ta' thejġija, supervizzjoni, kontroll, verifika u valutazzjoni, meħtieġa direttament għat-tmexxija tal-Programm u t-twettiq ta' l-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat, azzjonijiet ta' tagħrif u pubblikazzjoni, spejjeż marbuta ma' networks ta' l-informatika li jiffokaw fuq l-iskambju ta' tagħrif, flimkien ma' kull spiża ta' assistenza teknika u amministrattiva oħra li l-Kummissjoni tista' tirrikorri għaliha għat-tmexxija tal-Programm.

2. L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-transizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skond id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE. Jekk meħtieġ, l-approprijazzjoni-

jiet jistgħu ma jiddaħħlux fil-baġit lil hinn mill-2013 biex jiġu koperti spejjeż simili, sabiex jippermettu t-tmexxija ta' azzjonijiet li jkunu għadhom ma ntemmewx sal-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 6

Metodi ta' implimentazzjoni

Azzjonijiet sabiex jintlaħqu l-miri u l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 għandhom jużaw bis-sħiħ il-metodi xierqa disponibbli ta' l-implimentazzjoni, inklużi partikolarment:

(a) implimentazzjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni fuq bażi ċentralizzata; u

(b) ġestjoni konġunta ma' għaqdiet internazzjonali, fejn xieraq.

Artikolu 7

Implimentazzjoni tal-Programm

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-implimentazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, ta' l-azzjonijiet u l-miżuri stipulati fil-Programm skond l-Artikoli 3 u 8.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, fl-oqsma ta' kompetenza rispettiva tagħhom, biex tiġi żgurata t-tmexxija effiċjenti tal-Programm u biex jiġu żviluppati mekkaniżmi fil-livell tal-Komunità u ta' l-Istati Membri biex jinkisbu l-għanijiet tal-Programm. Huma għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta l-informazzjoni adatta dwar l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm u li tinkiseb il-parteċipazzjoni adatta.

3. Għall-kisba ta' l-għanijiet tal-Programm, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri ser:

(a) tfitteż li tikseb il-komparabbiltà tad-data u l-informazzjoni, u l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi u n-networks għall-iskambju ta' data u informazzjoni dwar is-saħħa; u

(b) tiżgura l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni meħtieġa ma' Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u aġenziji Ewropej rilevanti oħrajn sabiex tagħmel l-aħjar użu mill-fondi Komunitarji.

4. Fl-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti kollha dwar il-protezzjoni tad-data personali u, fejn xieraq, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-konfidenzjalità u s-sikurezza ta' tali data.

Artikolu 8

Miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni marbuta mal-kwistjonijiet t'hawn taħt għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2):

(a) il-pjan ta' ħidma annwali għall-implimentazzjoni tal-Programm, li jstabbilixxi:

(i) prijoritajiet u azzjonijiet li għandhom jitwettqu, inklużi l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji;

(ii) kriterji għall-perċentwali tal-kontribut finanzjarju tal-Komunità, inklużi kriterji għall-valutazzjoni dwar jekk l-utilità eċċezzjonali tapplikax jew le;

(iii) l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' strateġiji u azzjonijiet konġunti msemmija fl-Artikolu 9;

(b) kriterji ta' għażla, għoti u kriterji oħrajn għall-kontribut finanzjarju għall-azzjonijiet tal-Programm skond l-Artikolu 4.

2. Kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(3).

Artikolu 9

Strateġiji u azzjonijiet konġunti

1. Sabiex jiżguraw livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u attivitajiet Komunitarji kollha u sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni tal-politika tas-saħħa f'politika oħra, l-għanijiet tal-Programm jistgħu jiġu implimentati bħala strateġiji konġunti u azzjonijiet konġunti billi jinħolqu rabtiet mal-Programmi, azzjonijiet u fondi Komunitarji rilevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura s-sinerġija ottimali tal-Programm ma' programmi, azzjonijiet u fondi Komunitarji oħrajn.

Artikolu 10

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stipulat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahrejn.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 11

Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi

Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta':

(a) pajjiżi EFTA/ŻEE skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE; u

(b) pajjiżi terzi, partikolarment pajjiżi li għalihom tapplika l-Politika ta-Viċinat Ewropew, pajjiżi applikanti, kandidati jew li ser jaderixxu ma' l-Unjoni Ewropea, u l-pajjiżi Balkani tal-punent inklużi fil-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni, skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim bilaterali jew multilateral rispettivi li jstabbilixxu l-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi Komunitarji.

Artikolu 12

Kooperazzjoni internazzjonali

Matul l-implimentazzjoni tal-Programm, relazzjonijiet u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi li mhumiex jieħdu sehem fil-Programm u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari d-WHO, għandhom jiġu mħeġġa.

Artikolu 13

Monitoraġġ, evalwazzjoni u tixrid tar-riżultati

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Programm fid-dawl ta' l-għanijiet tiegħu. Hi għandha tirrapporta lill-Kumitat kull sena dwar l-azzjonijiet u l-proġetti kollha finanzjati permezz tal-Programm, u għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informati.

2. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, li għandha tevita żieda disproporzjonata fil-piż amministrattiv tal-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jissottomettu kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-Programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni:

(a) mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, rapport t'evalwazzjoni interim estern u indipendenti dwar ir-riżultati miksuba fir-rigward ta' l-għanijiet tal-Programm u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tiegħu kif ukoll il-konsistenza u l-komplimentarjetà tiegħu ma' programmi, azzjonijiet u fondi Komunitarji rilevanti oħrajn. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jagħmilha possibbli li ssir valutazzjoni ta' l-impatt tal-miżuri fuq il-pajjiżi kollha. Ir-rapport għandu jkun fih sommarju tal-konklużjonijiet ewlenin u għandu jkun akkompanjat b'rimarki mill-Kummissjoni;

(b) mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, Komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-Programm;

(ċ) mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, rapport ta' evalwazzjoni ex-post estern u indipendenti li jkopri l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programm.

4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku r-riżultati tal-azzjonijiet meħuda skond din id-Deċiżjoni u għandha tiżgura t-tixrid tagħhom.

Artikolu 14

Tħassir

Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE għandha tiġi mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.

Il-Kummissjoni għandha tadotta kwalunkwe arranġament amministrattiv meħtieġ biex tiżgura t-tranżizzjoni bejn il-miżuri adottati skond id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE u dawk implimentati skond il-Programm.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, 23 ta' Ottubru 2007.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

M. LOBO ANTUNES

ANNEX

Azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)

1. Titjib tas-sigurtà tas-saħħa taċ-ċittadini
 - 1.1. Protezzjoni taċ-ċittadini kontra t-theddid għas-saħħa
 - 1.1.1. L-iżvilupp ta' strateġiji u mekkaniżmi għall-prevenzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni dwar u r-rispons għat-theddid tas-saħħa minn mard li jittieħed u minn dak li ma jittieħidx, u theddid tas-saħħa minn sorsi fiżiċi, kimiċi jew bioloġiċi, li jinkludu atti ta' rilaxx deliberat; it-teħid ta' azzjoni biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni dijanjostika ta' kwalità għolja bejn il-laboratorji ta' l-Istati Membri; l-appoġġ għall-ħidma ta' laboratorji eżistenti li jwettqu ħidma b'rilevanza għall-Komunità; il-ħidma dwar l-istabbiliment ta' netwerk ta' laboratorji ta' referenza Komunitarji.
 - 1.1.2. L-appoġġ għall-iżvilupp ta' linji politiċi ta' prevenzjoni, tilqim u immunizzazzjoni; titjib tas-sħubiji, netwerks, għodod u sistemi ta' rappurtaġġ dwar l-istatus ta' immunizzazzjoni u monitoraġġ ta' ġrajjet avversi.
 - 1.1.3. L-iżvilupp tal-kapaċità u l-proċeduri ta' ġestjoni ta' riskju; it-titjib tat-tnejjija u l-ippjanar għall-emerġenzi tas-saħħa, inkluż it-tnejjija ta' reazzjonijiet koordinati internazzjonali u ta' l-UE għall-emerġenzi tas-saħħa; l-iżvilupp ta' proċeduri ta' komunikazzjoni ta' riskju u ta' konsultazzjoni dwar kontro-miżuri.
 - 1.1.4. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u t-titjib tal-kapaċità u l-assi ta' reazzjoni eżistenti, li jinkludu tagħmir protettiv, faċilitajiet ta' iżolazzjoni u laboratorji mobbli biex jiġu skjerati b'mod rapidu f'emerġenzi.
 - 1.1.5. L-iżvilupp ta' strateġiji u proċeduri għat-tfassil, it-titjib tal-kapaċità ta' intervent, it-twettiq ta' eżerċizzji u testijiet, il-valutazzjoni u r-reviżjoni ta' pjanijiet ta' kontinġenza ġenerali u ta' pjanijiet speċifiċi ta' emerġenzi tas-saħħa u l-interoperabbiltà tagħhom bejn l-Istati Membri.
 - 1.2. Titjib tas-sigurtà taċ-ċittadini
 - 1.2.1. L-appoġġ u t-titjib tal-konsulenza xjentifika u l-valutazzjoni tar-riskji permezz tal-promozzjoni ta' l-identifikazzjoni bikrija tar-riskji; l-analiżi ta' l-impatt potenzjali tagħhom; l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-perikolu u l-espożizzjoni; u t-trawwim ta' approċċi integrati u armonizzati.
 - 1.2.2. L-ghajjnuna sabiex jissaħħu s-sigurtà u l-kwalità ta' organi u sustanzi ta' oriġini umana, demm u derivati tad-demm; il-promozzjoni tad-disponibbiltà, l-intraċċar u l-aċċessibbiltà tagħhom għall-użu mediku filwaqt li jiġu rispettati r-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri kif imniżżla fl-Artikolu 152(5) tat-Trattat.
 - 1.2.3. Il-promozzjoni ta' miżuri biex tittejjeb is-sigurtà tal-pazjenti permezz ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja u sigura, inkluż rigward ir-reżistenza għal antibijotiċi u infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar.
2. Il-promozzjoni tas-saħħa
 - 2.1. It-trawwim ta' stil ta' ħajja aktar san u t-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi fis-saħħa
 - 2.1.1. Il-promozzjoni ta' inizjattivi biex jiżiedu s-snin ta' ħajja sana u l-promozzjoni ta' xjuħija sana; is-sostenn ta' miżuri għall-promozzjoni u esplorazzjoni ta' l-impatt tas-saħħa fuq il-produttività u l-parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol bħala kontribut lejn it-twettiq tal-miri ta' Lisbona; miżuri ta' sostenn biex jiġu studjati l-impatt tas-saħħa ta' linji politiċi oħrajn.
 - 2.1.2. L-appoġġ għal inizjattivi li jidentifikaw il-kawżi ta', jindirizzaw u jnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa fi ħdan u bejn l-Istati Membri, inklużi dawk dwar id-differenzi bejn is-sess sabiex jikkontribwixxu għall-prosperità u l-koeżjoni; il-promozzjoni ta' investment fis-saħħa f'kooperazzjoni ma' linji politiċi u Fondi Komunitarji oħrajn; it-titjib tas-solidarjetà bejn sistemi nazzjonali tas-saħħa billi tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kura trans-konfini u l-mobilità tal-pazjenti u tal-professionisti tal-kura tas-saħħa.
 - 2.2. Il-promozzjoni ta' mod ta' ħajja aktar sana u t-tnaqqis ta' mard u korrimenti maġġuri billi jiġu ttrattati l-fatturi determinanti tas-saħħa.
 - 2.2.1. L-indirizzar ta' fatturi determinanti tas-saħħa għall-promozzjoni u t-titjib tas-saħħa fiżika u mentali, il-ħolqien ta' ambjenti ta' sostenn għal stili ta' ħajja sani u l-prevenzjoni ta' mard; it-teħid ta' azzjoni fuq fatturi ewlenin bħan-nutrizzjoni u l-attività fiżika u s-saħħa sesswali, u dwar fatturi determinanti marbuta mal-vizzji bħat-tippjip, l-alkoħol u d-drogi illegali u farmaċewtiċi wżati b'mod mhux xieraq, b'iffokar fuq ambjenti ewlenin bħall-edukazzjoni u l-post tax-xogħol u ċ-ċiklu ta' matul il-ħajja.

- 2.2.2. Il-promozzjoni ta' azzjonijiet dwar il-prevenzjoni ta' mard maġġuri ta' importanza partikolari minħabba fil-piż ġenerali tal-mard fil-Komunità, u dwar mard rari, fejn azzjoni Komunitarja tista' tipprovdi valur miżjud sinifikanti lill-isforzi nazzjonali billi tittratta l-fatturi taġġhom.
- 2.2.3. L-indirizzar ta' l-effetti fuq is-saħħa ta' fatturi determinanti ambjentali aktar mifruxa, b'mod partikolari l-kwalità tal-arja ta' ġewwa u l-espożizzjoni għal sustanzi kimiċi tossiċi fejn dawn m'humiex indirizzati minn inizzjattivi oħrajn tal-Komunità, u fatturi determinanti soċjo-ekonomiċi aktar mifruxa.
- 2.2.4. Il-promozzjoni ta' azzjonijiet għat-tnaqqis ta' inċidenti u korrimenti.
3. Il-ħolqien u t-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa.
- 3.1. L-iskambju ta' għarfien u l-aħjar prattika.
- 3.1.1. L-iskambju ta' għarfien u l-aħjar prattika dwar kwistjonijiet ta' saħħa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm.
- 3.1.2. Is-sostenn għal koperazzjoni biex jisseddqu l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, inkluż, fejn xieraq, is-sostenn tan-netwerks Ewropej ta' referenza.
- 3.2. Ġbir, analiżi u tixrid ta' informazzjoni dwar is-saħħa
- 3.2.1. L-iżvilupp ulterjuri ta' sistema ta' monitoraġġ tas-saħħa sostenibbli b'mekkaniżmi għal ġbir ta' data komparattiva u informazzjoni, b'indikaturi adatti jiġu żġurati koordinazzjoni xierqa u monitoraġġ t'inizzjattivi tal-Komunità dwar reġistri dwar il-kanċer li jkunu bbażati fost affarijiet oħra fuq id-data miġbura bl-implimentazzjoni tar-rakkoman-dazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2003 rigward screening għall-kanċer ⁽¹⁾; il-ġabra ta' data dwar l-istatus u l-linji politiċi tas-saħħa; l-iżvilupp, mal-Programm Komunitarju ta' l-Istatistika, ta' l-element statistiku ta' din is-sistema.
- 3.2.2. L-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-analiżi u t-tixrid, li jinkludu rapporti Komunitarji tas-saħħa, il-portal tas-Saħħa u l-konferenzi; il-provvediment ta' taġġrif liċ-ċittadini, lill-partijiet konċernati u lil dawk li jfasslu l-linji politiċi, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u l-proċessi ta' parteċipazzjoni; ir-rapporti regolari dwar l-istatus tas-Saħħa fl-Unjoni Ewropea msejjes fuq id-data u l-indikaturi kollha, inkluża analiżi kwalitattiva u kwantitattiva.
- 3.2.3. Il-Provvista ta' Analiżi u għajnuna teknika għall-iżvilupp jew implimentazzjoni ta' politika jew leġiżlazzjoni relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 16.12.2003, p. 34.

**DIKJARAZZJONI TRILATERALI FIR-RIGWARD TAT-TIENI PROGRAMM TA' AZZJONI
KOMUNITARJA FIL-QASAM TAS-SAĦĦA PUBBLIKA 2008-2013**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni:

- huma ta' l-istess fehma li t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) għandu jingħata mezzi finanzjarji li jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu;
- ifakkru fl-Artikolu 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda ⁽¹⁾, skond liema l-awtorità baġitarja u l-Kummissjoni jintrabtu li ma jiskorrux b'aktar minn 5 % ta' l-ammont previst, sakemm ma jinqalgħux ċirkustanzi ġodda, oġġettivi u dejjiema li għalihom jingħataw raġunijiet speċifiċi. Kull żieda li tirriżulta minn tali varjazzjoni trid tibqa' fi ħdan il-limitu massimu eżistenti għall-intestatura kkonċernata;
- jiddikjaraw ir-rieda tagħhom li jivvalutaw b'mod korrett il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-programm fil-qasam tas-saħħa, fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

1. Fl-24 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni għamlet proposta emendata għat-tieni Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa (2007-2013) ⁽¹⁾. Fl-Artikolu 7, l-ammont ta' referenza tal-programm kien propost li jkun ta' EUR 365,6 miljun għal perijodu li jibda mill-2007 u li jspicċa fl-2013.
2. Minħabba dewmien fil-proċedura leġislattiva, fit-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni infurmat lill-Awtorità tal-Baġit li l-bidu tal-programm ġdid ta' Saħħa Pubblika ser ikollu jkun pospost għas-sena baġitarja 2008 ⁽²⁾. Bħala konsegwenza, il-pakkett tal-programm ġdid ta' Saħħa Pubblika 2008 -2013 irid ikun aġġustat għal livell ta' EUR 321,5 miljun.
3. L-ammont ta' EUR 44,1 miljun ser jintuża fis-sena baġitarja 2007 għall-programm kurrenti ta' Saħħa Pubblika ⁽³⁾ sabiex tkun żgurata kontinwità massima ta' l-azzjonijiet dwar is-Saħħa Pubblika. Għalhekk, il-pakkett kollu għall-azzjonijiet għas-Saħħa Pubblika ifffinanzjati mill-programmi għal perijodu 2007-2013 ilaħħaq EUR 365,6 miljun.

⁽¹⁾ COM(2006) 234.

⁽²⁾ COM(2007) 150.

⁽³⁾ Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa Pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1).

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Novembru 2007

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja lill-pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5492)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/742/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu u s-sitt paragrafu tal-punt 2 ta' l-Anness V tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku ta' l-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, l-ekotikketta Komunitarja tista' tingħata lil prodott li jkollu l-karatteristiċi li jippermettulu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib li – għandhom x'jaqsmu ma' aspetti ambjentali prinċipali.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprevedi li kriterji speċifiċi għall-ekotikketti, stabbiliti fuq bażi ta' abbozz ta' kriterji mħejji mill-Bord ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu stabbiliti skond il-gruppi ta' prodotti.
- (3) Il-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll ir-reqwiziti ta' valutazzjoni (stima) u verifika relatati, għandhom ikunu validi għal perjodu ta' tliet snin.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

Artikolu 1

Il-grupp ta' prodotti "pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass" għandu jinkludi l-pompi tas-sħana li jistgħu jikkonċentraw l-enerġija preżenti fl-arja, fl-art jew fl-ilma fi sħana utli għall-provvista tat-tisħin ta' spazju jew għall-proċess oppost ta' tkessiħ ta' spazju. "Pompa tas-sħana" hija strument jew grupp ta' strumenti kif ikkonsenjat mill-manifattur jew l-importatur lid-distributtur, lill-bejjiġġ jew lil min jinstalla. Din il-konsenja tista' tinkludi jew le l-konsenja tal-pompi ta' ċirkolazzjoni fuq in-naħa tas- sink jew fuq in-naħa tas-sors, madankollu għall-kalkolu tal-valuri tal-koeffiċjent tal-prestazzjoni (COP), il-konsum ta' enerġija tal-pompi ta' ċirkolazzjoni għandu jitqies dejjem, skond il-metodoloġija ta' EN14511:2004 (fin-nuqqas ta' dejta li kellu jipprovdi l-manifattur, jittieħed valur ieħor). Għall-pompi tas-sħana bl-assorbiment tal-gass il-metodoloġija għandha tkun skond EN12309-2:2000.

Il-grupp ta' prodotti għandu jkopri biss dawk il-pompi li jitħaddmu bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass b'kapaċità massima ta' sħana ta' 100 kW.

Il-grupp ta' prodotti "pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass" m'għandux ikopri dawn li ġejjin:

- (a) pompi tas-sħana li jistgħu jipprovdu biss ilma sħun għal użu sanitarju;

⁽¹⁾ ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.

(b) pompi tas-sħana li jistgħu biss jiġbdu s-sħana minn bini u jitfegħuha fl-arja, fl-art jew fl-ilma biex b'hekk jikkessah l-ispazju.

Artikolu 2

Sabiex tingħata l-ekotikketta Komunitarja skond ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, il-pompa tas-sħana trid taqa' fi ħdan il-grupp ta' prodotti "pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass" u trid tikkonforma ma' kull kriterju ekoloġiku stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Għal skopijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta' prodotti "pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass" għandu jkun "31".

Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass", kif ukoll ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika relatati, għandhom ikunu validi sad-9 ta' Novembru 2010.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membre tal-Kummissjoni

ANNEX

IL-KRITERJI EKOLOĠIĊI**L-għanijiet tal-kriterji**

Dawn il-kriterji għandhom l-għan li jillimitaw l-impatti ambjentali mill-manifattura, mit-tħaddim u mit-tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja ta' pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass. Dawn jinkludu:

- l-effiċjenza tat-tisħin u/jew it-tisħin/it-tkessiġ ta' bini;
- it-tnaqqis ta' l-impatt ambjentali tat-tisħin u/jew it-tisħin/it-tkessiġ ta' bini;
- it-tnaqqis jew il-prevenzjoni ta' riskji għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem relatati ma' l-użu ta' sustanzi ta' ħsara;
- li jkun żgurat li l-klijent u l-persuna li tinstalla l-pompa tas-sħana jiġu pprovduti b'informazzjoni adegwata dwar il-pompa tas-sħana u it-tħaddim effiċjenti tagħha.

Il-kriterji huma stabbiliti f'livelli li jippromwovu l-ittikkettjar ta' pompi tas-sħana li jiżguraw impatt ambjentali baxx.

Ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika

Għall-valutazzjoni u l-verifika ta' pompi tas-sħana, l-applikant jista' jikkategorizza l-pompi tas-sħana f"mudelli bażiċi". Il-mudelli bażiċi għandhom jiġu definiti skond l-unitajiet li huma essenzjalment l-istess fis-sens ta' prestazzjoni u funzjoni termali u l-istess jew kumparabbli fis-sens ta' komponenti bażiċi, partikolarment il-fannijiet, il-coils, il-kumpressuri u l-muturi.

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-valutazzjoni u tal-verifika huma indikati immedjatament taħt kull kriterju.

Fejn xieraq, jistgħu jintużaw metodi u *standards* oħra għajr dawk indikati għal kull kriterju jekk l-ekwivalenza tagħhom tiġi aċċettata mill-korp kompetenti li qiegħed jivvaluta l-applikazzjoni.

Meta jkun meħtieġ li l-applikant jipprovdidi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżi, rapporti tat-testijiet, jew evidenza oħra sabiex juri l-konformità mal-kriterji, huwa mifhum li dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew mill-fornitur/i tiegħu u/jew mill-fornitur/i tagħhom, eċċetera, kif xieraq.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jirrikjedu dokumentazzjoni ta' evidenza u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti.

Huwa rrakkomandat lill-korpi kompetenti biex iqisu l-implimentazzjoni ta' skemi rikonossuti tal-meniġment ambjentali, bħalma huma l-EMAS jew l-ISO 14001, meta jivvalutaw l-applikazzjonijiet u jimmonitorjaw il-konformità mal-kriterji.

(Nota: mhux meħtieġ li jiġu implimentati skemi ta' meniġment bħal dawn).

Barra minn hekk, il-laboratorju ta' l-ittestjar tal-ħoss u l-effiċjenza għandu jissodisfa r-rekwiżiti ġenerali skond l-*istandard* EN-ISO/IEC 17 025:2005. Il-laboratorju għandu jkun indipendenti u akkreditat għall-ittestjar skond il-metodi ta' l-ittestjar rilevanti. Laboratorji oħra jistgħu jiġu aċċettati jekk l-ebda laboratorju akkreditat għall-ittestjar ma huwa magħruf, fil-pajjiż fejn jinsab l-applikant. F'każijiet bħal dawn, il-laboratorju għandu jkun indipendenti u kompetenti.

Għall-informazzjoni:

Il-koeffiċjent tal-prestazzjoni (COP) huwa l-proporzjon ta' sħana ġġenerata mill-ammont ta' elettriku jew gass użat għal temperatura speċifika tas-sors u dik iġġenerata.

Il-proporzjon ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija (EER) huwa l-proporzjon ta' kешa ġġenerata mill-ammont ta' elettriku jew gass użat għal temperatura speċifika tas-sors u dik iġġenerata.

Il-proporzjon ta' l-enerġija primarja (PER) jinkiseb kif ġej: $COP \times 0,40$ (jew $COP/2,5$) għall-pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku u $COP \times 0,91$ (jew $COP/1,1$) għall-pompi tas-sħana mħaddma bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass, fejn 0,40 hija l-effiċjenza medja Ewropea attwali ta' l-enerġija ta' l-elettriku li tinkludi t-telf fil-grid u 0,91 hija l-effiċjenza medja Ewropea attwali tal-gass li tinkludi t-telf mid-distribuzzjoni skond id-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-effiċjenza ta' l-użu aħħari ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija u li tirrevoka d-Direttiva 93/76/KEE tal-Kunsill .⁽¹⁾

(1) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.

1. L-effiċjenza tal-funzjoni ta' tisħin (COP)

L-effiċjenza tat-tagħmir tat-tisħin tal-pompa għandha teċċedi r-reqwiziti minimi tal-koeffiċjent ta' prestazzjoni (COP) u l-proporzjon ta' l-enerġija primarja (PER) li ġejjin.

Tip ta' pompa tas-sħana: Is-sors tas-sħana/heat sink	Tagħmir fuq barra [°C]	Tagħmir fuq ġewwa [°C]	Min. COP	Min. COP	Min. PER
			Pompa tas-sħana ta' l-elettriku	Pompa tas-sħana tal-gass	
arja/arja	Boċċa tad-dħul xotta: 2 Boċċa tad-dħul imxarrba: 1	Boċċa tad-dħul xotta: 20 Boċċa tad-dħul imxarrba: 15 max	2,90	1,27	1,16
arja/ilma	Boċċa tad-dħul xotta: 2 Boċċa tad-dħul imxarrba: 1	Temperatura tad-dħul: 30 Temperatura tal-ħruġ: 35	3,10	1,36	1,24
		Temperatura tad-dħul: 40 Temperatura tal-ħruġ: 45	2,60	1,14	1,04
ilma mielaħ/arja	Temperatura tad-dħul: 0 Temperatura tal-ħruġ: -3	Boċċa tad-dħul xotta: 20 Boċċa tad-dħul imxarrba: 15 max	3,40	1,49	1,36
ilma mielaħ/ilma	Temperatura tad-dħul: 0 Temperatura tal-ħruġ: -3	Temperatura tad-dħul: 30 Temperatura tal-ħruġ: 35	4,30	1,89	1,72
		Temperatura tad-dħul: 40 Temperatura tal-ħruġ: 45	3,50	1,54	1,40
ilma/ilma	Temperatura tad-dħul: 10 Temperatura tal-ħruġ: 7	Temperatura tad-dħul: 30 Temperatura tal-ħruġ: 35	5,10	2,24	2,04
		Temperatura tad-dħul: 40 Temperatura tal-ħruġ: 45	4,20	1,85	1,68
Ilma/arja	Temperatura tad-dħul: 15 Temperatura tal-ħruġ: 12	Boċċa tad-dħul xotta: 20 Boċċa tad-dħul imxarrba: 15 max	4,70	2,07	1,88
	(sors tal-fluss ta' l-ilma) Temperatura tad-dħul: 20 Temperatura tal-ħruġ: 17	Boċċa tad-dħul xotta: 20 Boċċa tad-dħul imxarrba: 15 max	4,40	1,93	1,76

Valutazzjoni u verifika: L-ittestjar għandu jitwettaq skond EN 14 511:2004. It-test għandu jsir meta l-pompa kkonċernata tkun qed taħdem b'kapaċità massima, bil-kundizzjonijiet speċifikati fit-tabella. Laboratorju ta' l-ittestjar indipendenti akkreditat għall-ittestjar imsemmi għandu jivverifika l-valuri mogħtija. Il-pompi tas-sħana li huma ċċertifikati fil-programm ta' ċertifikazzjoni Eurovent jew DACH programm ta' ċertifikazzjoni jew programm ieħor approvat mill-korp kompetenti, ma għandhomx b'żonn jiġu ttestjati aktar minn laboratorju indipendenti għall-valuri mogħtija. Ir-rapporti tat-test għandhom jiġu ppreżentati ma' l-applikazzjoni.

2. L-effiċjenza tal-funzjoni ta' tkessiħ (EER)

Jekk il-pompa tas-sħana hija riversibbli u tista' tkessaħ, l-effiċjenza tat-tagħmir tal-pompa tas-sħana għandu jeċċedi r-reqwiziti minimi li ġejjin tal-proporzjon ta' effiċjenza ta' l-enerġija (EER) fil-funzjoni tat-tkessiħ.

Tip ta' pompa tas-sħana:	Tagħmir fuq barra [°C]	Tagħmir fuq ġewwa [°C]	Min. EER	Min. EER	Min. PER
			Pompa tas-sħana ta' l-elettriku	Pompa tas-sħana tal-gass	
arja/arja	Boċċa tad-dħul xotta: 35 Boċċa tad-dħul imxarrba: 24	Boċċa tad-dħul xotta: 27 Boċċa tad-dħul imxarrba: 19	3,20	1,41	1,3
arja/ilma	Boċċa tad-dħul xotta: 35 Boċċa tad-dħul imxarrba:-	Temperatura tad-dħul: 23 Temperatura tal-ħruġ: 18	2,20	0,97	0,9
		Temperatura tad-dħul: 12 Temperatura tal-ħruġ: 7	2,20	0,97	0,9

Tip ta' pompa tas-sħana:	Tagħmir fuq barra [°C]	Tagħmir fuq ġewwa [°C]	Min. EER	Min. EER	Min. PER
			Pompa tas-sħana ta' l-elet-triku	Pompa tas-sħana tal-gass	
ilma mielaħ/arja	Temperatura tad-dħul: 30 Temperatura tal-ħruġ: 35	Boċċa tad-dħul xotta: 27 Boċċa tad-dħul imxarrba: 19 max	3,30	1,45	1,3
ilma mielaħ/ilma	Temperatura tad-dħul: 30 Temperatura tal-ħruġ: 35	Temperatura tad-dħul: 23 Temperatura tal-ħruġ: 18	3,00	1,32	1,2
		Temperatura tad-dħul: 12 Temperatura tal-ħruġ: 7	3,00	1,32	1,2
ilma/ilma	Temperatura tad-dħul: 30 Temperatura tal-ħruġ: 35	Temperatura tad-dħul: 23 Temperatura tal-ħruġ: 18	3,20	1,41	1,3
		Temperatura tad-dħul: 12 Temperatura tal-ħruġ: 7	3,20	1,41	1,3
Ilma/arja	Temperatura tad-dħul: 30 Temperatura tal-ħruġ: 35	Boċċa tad-dħul xotta: 27 Boċċa tad-dħul imxarrba: 19	4,40	1,93	1,8

Valutazzjoni u-verifika: L-ittestjar għandu jitwettaq skond EN 14 511:2004; għall-pompi tas-sħana ta' l-assorbiment tal-gass skond EN12309-2:2000. It-test għandu jsir meta l-pompa kkonċernata tkun qed taħdem b'kapaċità massima, bil-kundizzjonijiet speċifikati fit-tabella. Laboratorju ta' l-ittestjar indipendenti akkreditat għall-ittestjar imsemmi għandu jivverifika l-valuri mogħtija. Il-pompi tas-sħana li huma ċertifikati fil-programm ta' ċertifikazzjoni Eurovent jew DACH programm ta' ċertifikazzjoni jew programm ieħor approvat mill-korp kompetenti, ma għandhomx bżonn jiġu ttestjati aktar minn laboratorju indipendenti għall-valuri mogħtija. Ir-rapporti tat-test għandhom jiġu ppreżentati ma' l-applikazzjoni.

3. Refriġerant

Il-potenzjal ta' tisħin globali (GWP) għar-refriġerant m'għandux jaqbeż il-valur GWP ta' > 2 000 fuq perjodu ta' 100 sena. Jekk ir-refriġerant għandu GWP ta' inqas minn 150, allura r-rekwiżiti minimi tal-koeffiċjent tal-prestazzjoni (COP) u l-proporzjon ta' l-enerġija primarja (PER) fil-funzjoni tat-tisħin u l-proporzjon ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija (EER) fil-funzjoni tat-tkessiħ, kif stipulat fil-kriterji 1 u 2 ta' dan l-Anness, għandhom jitnaqqsu bil-15 %.

Il-valuri GWP ikkunsidrati se jkunu dawk stipulati fl-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Valutazzjoni u verifika: L-ismijiet tar-refriġerant/i użat/i fil-prodott għandhom jiġu ppreżentati ma' l-applikazzjoni, flimkien mal-valuri GWP tagħhom skond ir-Regolament ta' hawn fuq. Il-valuri GWP tar-refriġeranti għandhom jiġu kkalkulati f'termini tal-potenzjal ta' tisħin fuq mitt sena ta' kilogramma ta' gass relattiv għal kilogramma ta' CO₂.

Għal refriġeranti fluworinati, il-valuri GWP għandhom ikunu dawk ippubblikati fit-tielet rapport ta' valutazzjoni (TAR) adottat mill-Penil Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (2001 IPCC valuri GWP għal perjodu ta' mitt sena) ⁽²⁾

Għall-gassijiet mhux fluworinati, il-valuri GWP huma dawk ippubblikati fl-Ewwel Valutazzjoni ta' l-IPCC fuq perjodu ta' 100 sena ⁽³⁾.

Il-valuri GWP għal taħlita ta' refriġeranti għandhom ikunu bbażati fuq il-formula kif stipulata fl-Anness I tar-Regolament 842/2006.

4. Refriġerant sekondarju

(Nota: ma japplikax għat-tipi kollha ta' pompi tas-sħana fi ħdan dan il-grupp ta' prodotti).

Ir-refriġerant sekondarju, ilma bil-melħ jew addittivi, m'għandhomx ikunu sustanzi kklassifikati bħala ta' ħsara ambjentali jew li jikkostitwixxu periklu għas-saħħa kif definiti bid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ⁽⁴⁾ li tikkonċerna l-ħsara ambjentali u l-emendi sussegwenti tagħha.

Valutazzjoni u verifika: L-ismijiet tar-refriġerant/i sekondarju/i użat/i għandhu/hom jiġi/u ppreżentat/i ma' l-applikazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ IPCC Third Assessment Climate Change 2001. Rapport tal-Bord Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima: <http://www.ipcc.ch/pub/reports.htm>

⁽³⁾ Climate Change, The IPCC Scientific Assessment, J.T Houghton, G.J.Jenkins, J.J. Ephraums (ed.) Cambridge University Press, Cambridge (UK) 1990.

⁽⁴⁾ ĠU 196, 16.8.1967, p. 1.

5. **Il-ħoss**

Il-livell(i) tal-qawwa tal-ħoss għandu/hom jiġi/u ttestjat/i u ddikkjarat/i fid-dB(A) fuq id-dokument ta' l-informazzjoni.

Valutazzjoni u verifika L-ittestjar għandu jitwettaq skond ENV-12 102. Ir-rapport tat-test għandu jiġi ppreżentat ma' l-applikazzjoni.

6. **Metalli tqal u sustanzi li jdumu ma jieħdu n-nar**

Il-kadmju, iċ-ċomb, il-merkurju, il-kromju 6+ jew sustanzi li jdumu ma jieħdu n-nar, jiġifieri sustanzi li jdumu ma jieħdu n-nar bħal *bifenili polibrominatati (poly-brominated biphenyl) (PBB)* jew eteri tad-difenil polibrominatati (*poly-brominated diphenyl ether*) (PBDE) kif elenkati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, ma jistgħux jintużaw fil-pompa tas-sħana jew fis-sistema tal-pompa tas-sħana, meta jitqiesu t-toleranzi speċifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/618/KE ⁽²⁾ li temenda d-Direttiva 2002/95/KE. Dan ir-reqwizit għas-sustanzi li jdumu ma jieħdu n-nar għandu jkollu l-adattamenti u l-emendi sussegwenti magħmula fid-Direttiva rigward l-użu tad-Deca-BDE.

Valutazzjoni u verifika: Ċertifikat iffirmit mill-produttur tal-pompa tas-sħana.

7. **Taħriġ għall-persuni li jinstallaw it-tagħmir**

L-applikant għandu jiżgura li taħriġ adattat huwa disponibbli għal dawk li jinstallaw fl-Istati Membri fejn il-prodott se jitqiegħed fis-suq. Dan it-taħriġ għandu jinkludi informazzjoni rilevanti għad-daqs u l-installazzjoni tal-pompa tas-sħana u kif għandu jimtela d-dokument ta' l-informazzjoni għall-konsumaturi.

Valutazzjoni u verifika: Għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ma' l-applikazzjoni li tidderkivi t-taħriġ disponibbli u tiddikjara fejn se jkun disponibbli taħriġ bħal dan.

8. **Dokumentazzjoni**

L-applikant għandu jipprovdi gwida komprensiva għall-installazzjoni, l-manutenzjoni u gwida għat-tħaddim tal-pompa tas-sħana.

Valutazzjoni u verifika: Il-gwidi tal-manutenzjoni, l-installazzjoni u t-tħaddim għandhom jiġu ppreżentati mal-pompa tas-sħana u għandhom jissodisfaw ir-reqwiziti ta' EN378:2000 jew kull reviżjoni tagħha.

9. **Disponibilità ta' l-ispare parts**

L-applikant għandu jiżgura d-disponibilità ta' l-ispare parts għal perjodu ta' 10 snin mid-data tal-bejgħ.

Valutazzjoni u verifika: Għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni li l-ispare parts se jkunu disponibbli għal 10 snin, ma' l-applikazzjoni flimkien ma' spjegazzjoni ta' kif se tkun iggarantita din id-disponibilità.

10. **Dokument ta' l-informazzjoni**

L-applikant għandu jiżgura li "d-dokument ta' l-informazzjoni għall-konsumaturi" vojt li jinsab mehmuż ma' dan l-Anness ikun disponibbli mill-punti tal-bejgħ sabiex jiprovdi parir xieraq lill-konsumaturi dwar il-pompa tas-sħana. Id-"dokument għal min jinstalla t-tagħmir" komplut li jinsab mehmuż ma' dan l-Anness ukoll għandu jkun disponibbli għal dawk li jinstallaw it-tagħmir.

L-applikant għandu jipprovdi għodda adattata, programmi ta' l-informatika u gwida sabiex il-persuni kompetenti li jinstallaw t-tagħmir ikunu jistgħu jikkalkulaw il-parametri tal-prestazzjoni tas-sistema tal-pompa tas-sħana bħalma hu l-fattur tal-prestazzjoni staġjonali, il-proporzjon staġjonali ta' l-enerġija, il-proporzjon ta' l-enerġija primarja u l-emissjonijiet annwali tad-dijossidu tal-karbonju. Barra minn hekk, min jinstalla għandu jkun kapaċi jimla d-dokument ta' l-informazzjoni għall-konsumaturi qabel ma l-konsumatur jixtri t-tagħmir.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jippreżenta d-"dokument ta' l-informazzjoni għal min jinstalla t-tagħmir" komplut u jiddeskrivi kif biħsiebu jiżgura li jkun disponibbli għal dawk li jinstallaw it-tagħmir. Għandu jiddeskrivi wkoll kif biħsiebu jiżgura li d-dokument ta' l-informazzjoni għall-konsumaturi jkun disponibbli għalihom mill-punti tal-bejgħ tal-prodotti tagħhom.

11. **Informazzjoni li tidher fuq l-ekotikketta**

Kaxxa 2 ta' l-Ekotikketta għandha tinkludi t-test li ġej:

Fost il-pompi tas-sħana, dan il-prodott għandu:

— effiċjenza ogħla ta' enerġija

— impatt iktar baxx ta' tisħin globali

It-test li ġej (jew test ekwivalenti) għandu jidher fuq l-ippakkjar tal-prodott: "Għal iktar informazzjoni għaliex dan il-prodott ġie mogħti l-Fjura jekk jogħġbok żur il-websajt: <http://europa.eu.int/ecolabel>".

⁽¹⁾ ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 214, 19.8.2005, p. 65.

Gwida għax-xiri ta' pompa tas-sħana bl-Ekotikketta

- dokument ta' l-informazzjoni għall-konsumaturi -

Avviż! Aqra qabel tixtri

It-tħaddim effiċjenti ta' din il-pompa tas-sħana se jkun żgurat biss jekk is-sistema titqabbel sewwa mal-bżonn ta' tisħin jew ta' tkessiġ tal-bini u taż-żona klimatika li fihom qed tiġi installata!

Ikkonsulta dejjem persuna kompetenti li tinstalla t-tagħmir u itlobhom sabiex jimlew dan id-dokument qabel tixtri!

L-Ekotikketta ta' l-UE tingħata lil dawg il-mudelli ta' pompi tas-sħana li huma l-iktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u li jimminimizzaw l-impatti ambjentali tagħhom

Dan id-dokument għandu jimtela minn persuna kkwalifikata biex tinstalla t-tagħmir biex tipprovdik b'informazzjoni u b'rakkomandazzjonijiet dwar l-iktar sistema ta' pompa tas-sħana adattata għad-dar tiegħek. B'dan il-mod inti se tikseb il-benefiċċji ta' l-effiċjenza għolja ħafna tal-pompi tas-sħana li jikkonċentraw is-sħana mażżuna fl-arja, fl-art jew fl-ilma.

Xi sistemi huma wkoll riversibbli u jistgħu jipproduċu tkessiġ permezz ta' l-estrazzjoni tas-sħana u t-tfiġh tagħha filmadwar immedjat. Xi sistemi jistgħu wkoll jipprovdur l-ilma sħun għall-użu sanitarju.

Jistgħu jintgħażlu pompi tas-sħana li jistgħu jintużaw mal-biċċa l-kbira tas-sistemi ta' distribuzzjoni inklużi r-radjaturi, it-tisħin bl-arja sħuna u minn taħt l-art, u jistgħu jżiedu mal-biċċa l-kbira tas-sistemi tat-tisħin eżistenti b'xi prekawzjonijiet adattati kif stipulati hawn taħt.

It-tnaqqis fit-telf tas-sħana u fl-assorbiment mill-bini tas-sħana mix-xemx

Jekk id-dar tiegħek għandha iktar minn 10 snin, qabel tagħżel pompa tas-sħana, jista' jkun effettiv f'termini ta' nfiq li ttejjeb l-iżolament (*insulation*) tiegħek l-ewwel, sabiex tnaqqas it-telf tas-sħana biex issaħħan il-bini tiegħek jew tnaqqas l-assorbiment tas-sħana mix-xemx jekk qed tfittex li tkessħu. (Proprijament huwa iktar effiċjenti li tinstalla pompa tas-sħana iżgħar f'bini b'iżolament tajjeb, pereżempju) Jekk taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-persuna responsabbli mill-installazzjoni biex ittejjeb l-iżolament, il-pompa tas-sħana li se tixtri għandha tkun tad-daqs adattat.

Għal iktar informazzjoni dwar it-tnaqqis fit-telf tas-sħana jew fl-assorbiment tas-sħana mix-xemx u dwar id-daqs u l-installazzjoni tas-sistemi tal-pompi tas-sħana kkonsulta s-sit www.kyotoinhome.info.

Informazzjoni u rakkomandazzjonijiet għall-installazzjoni ta' pompa tas-sħana fid-dar tiegħek

Isem il-klijent

Indirizz

Tip ta' bini: Dar *detached*/dar *semi-detached*/dar *terraced*/appartament

Data approssimattiva ta' meta nbena:

1. Deskrizzjoni tas-sistemi ta' tisħin eżistenti/bini	
Tip ta' fjuwil	Żejt/gass tal- <i>mains</i> /elettriku dirett/faħam/Gass f'ċilindri/leħor
Sistema ta' distribuzzjoni eżistenti	radjaturi/arja sħuna/tisħin minn taħt l-art/oħra
It-temperatura minima għat-tishin tas-sistema eżistenti (°C)	
Domanda annwali ta' tisħin tal-bini fl-istat attwali tiegħu (kW) Domanda annwali ta' tkessiħ tal-bini fl-istat attwali tiegħu (kW)	
It-temperatura massima għat-tishin tas-sistema eżistenti (°C)	
Assorbiment potenzjali ta' sħana mix-xemx tal-bini fl-istat attwali tiegħu (kW)	

2. Rakkomandazzjonijiet għal titjib fl-iżolament tal-bini	
Miżuri għat-tnaqqis fit-telf tas-sħana	
Telf tas-sħana mnaqqas (kW):	
Miżuri għat-tnaqqis fl-assorbiment tas-sħana mix-xemx	
Assorbiment tas-sħana mix-xemx imnaqqas (kW):	

3. Sistema ta' pompa tas-sħana rakkomandata

Permezz ta' l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur u t-tip ta' dar u s-sit fejn tinsab id-dar tiegħek, qed isiru r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għas-sistema ta' tisħin jew tat-tisħin u t-tkessiħ il-ġdida tiegħek:

tisħin primarju	
manifattur tal-pompa tas-sħana	
mudell	
sors tas-sħana	art/arja/ilma
mezz ta' distribuzzjoni	radjaturi/arja sħana/tisħin minn taħt l-art/ieħor
tip ta' refriġerant u l-valur GWP	naturali/artifiċjali
kapaċità ta' tisħin (kW)	
Shana ġġenerata/elettriċità użata	
effiċjenza staġjonali fuq sena	
kapaċi tipprovdni ilma sħun għal użu domestiku?	Iva/le
tisħin awżiljarju	
tip	
kapaċità ta' tisħin (kW)	
tkessiħ (jekk meħtieġ)	
cooling capacity (kW)	
kesħa ġġenerata/elettriku użat	
domandi annwali għall-enerġija u emissjonijiet tas-CO₂	
konsum annwali ta' l-enerġija (kWh)	
emissjonijiet ekwivalenti tad-dijossidu tal-karbonju (kg CO ₂):	
fattur tal-konverżjoni użat:	

Firma tal-persuna responsabbli mill-installazzjoni

Kwalifiki/taħriġ

Kumpanija

Indirizz

.....

Data

Gwida għall-installazzjoni ta' pompa tas-sħana bl-Ekotikketta

- dokument ta' l-informazzjoni għal min jinstalla t-tagħmir -

Avviż! Aqra qabel tixtri

It-tħaddim effiċjenti ta' din il-pompa tas-sħana jirrikjedi persuna kompetenti responsabbli mill-installazzjoni tagħha biex jiddisinja sistema ta' tisħin li tkun taqbel mad-domanda ta' tisħin jew tkessiħ tal-bini u ż-żona klimatika u li jinstalla s-sistema skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

L-Ekotikketta ta' l-UE tingħata lil dawk il-mudelli ta' pompi tas-sħana li huma l-iktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u li jimminimizzaw l-impatti ambjentali tagħhom

Il-pompi tas-sħana għandhom effiċjenza għolja ħafna peress li jużaw biss l-enerġija biex jikkonċentraw is-sħana preżenti fl-art, fl-ilma u fl-arja. Xi mudelli jistgħu joperaw ukoll bil-maqlub u jkessħu billi jifgħu l-barra s-sħana mill-bini. L-informazzjoni f'dan id-dokument se tippermettilek tiżgura li l-benefiċċji tat-tagħmir tal-pompa tat-tisħin jgħaddu ukoll għas-sistema ta' għbir u distribuzzjoni, u timla d-dokument li għandu jingħata lill-konsumatur biex tispjega l-għażla tiegħek.

1. Informazzjoni minima li l-manifattur għandu jipprovdi

manifattur	
mudell	
kollettur tas-sħana	
mezz ta' distribuzzjoni tas-sħana	
kapaċità ta' tisħin (kW)	
kapaċità ta' tkessiħ (kW)	
provvista ta' ilma sħun	
Tip ta' refriġerant	
livell tal-ħoss (dB(A))	
disponibilità ta' l- <i>spare parts</i> mid-data tal-bejgħ (snin)	
koeffiċjent tal-prestazzjoni (tisħin)	
speċifika t-temperaturi tad-dħul u tal-ħruġ (°C)	
proporzjon ta' effiċjenza ta' l-enerġija (tkessiħ)	
speċifika tat-temperaturi tad-dħul u tal-ħruġ (°C)	

Bħala żieda ma' sistema tat-tisħin eżistenti, għandha tintgħażel pompa tas-sħana li tkun taqbel mas-sistema eżistenti ta' distribuzzjoni li minnha tista' tgħaddi arja sħuna, ilma sħun permezz ta' radjaturi jew tisħin minn taħt l-art. Peress li t-temperatura tal-ħruġ tista' tkun iktar baxxa minn dik tal-bojler li din se tissostitwixxi, huwa essenzjali li jiġu identifikati modi kif jitnaqqas it-telf tas-sħana jew l-assorbiment tas-sħana mix-xemx sabiex jinżamm l-istess daqs ta' sistema ta' distribuzzjoni.

Definizzjonijiet

Il-koeffiċjent tal-prestazzjoni (COP) huwa l-proporzjon ta' sħana ġġenerata mill-ammont ta' elettriku għal temperatura speċifika tas-sors u dik iġġenerata.

Il-proporzjon ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija (EER) huwa l-proporzjon ta' kasha ġġenerata mill-ammont ta' elettriku għal temperatura speċifika tas-sors u dik iġġenerata.

Il-koeffiċjent staġjonali tal-prestazzjoni (SCOP) huwa l-medja tal-koeffiċjent tal-prestazzjoni matul l-istaġun tas-sħana għas-sistema tal-pompa tas-sħana fpost speċifiku.

Il-proporzjon staġjonali ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija (SEER) huwa l-medja tal-proporzjon ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija matul l-istaġun tat-tkessiħ għas-sistema tal-pompa tas-sħana fpost speċifiku.

Il-proporzjon ta' l-enerġija primarja (PER) jinkiseb kif ġej: COP x 0,40 (jew COP/2.5) għall-pompi tas-sħana b'kompessuri mħaddma bl-elettriku u b'COP x 0,91 (jew COP/1.1) għall-pompi tas-sħana b'kompessuri mħaddma bil-gass, fejn 0,40 hija l-effiċjenza medja Ewropea attwali ta' l-enerġija ta' l-elettriku li tinkludi t-telf fil-grid u 0,91 hija l-effiċjenza medja Ewropea attwali tal-gass li tinkludi t-telf mid-distribuzzjoni.

Il-manifattur għandu jipprovi programmi, għodod u linji direttivi biex jgħinuk twettaq il-kalkoli li ġejjin. Id-dejta klimatika għandha tkun adattata għall-post ġeografiku tal-bini.

2. It-tnaqqis fit-telf tas-sħana u fl-assorbiment mill-bini tas-sħana mix-xemx

Jekk id-dar għandha iktar minn 10 snin, mela huwa probabbli li jkun effettiv f'termini ta' infig li jitnaqqas it-telf tas-sħana billi jiżdied il-livell ta' iżolament u li jitnaqqas l-assorbiment tas-sħana mix-xemx billi jiġu ristretti r-raġġi diretti tax-xemx matul is-sajf. Jekk il-klijent jaċċetta r-rakkomandazzjonijiet tiegħek allura is-sistema għandha tkun ta' daqs adattat għat-telf tas-sħana u l-assorbiment tas-sħana mix-xemx imnaqqsin.

Għal iktar informazzjoni dwar it-tnaqqis fit-telf tas-sħana jew fl-assorbiment tas-sħana mix-xemx jew dwar id-daqs u l-installazzjoni tas-sistemi tal-pompi tas-sħana kkonsulta s-sit www.kyotoinhome.info.

3. Telf tas-sħana u d-daqs tas-sistema tat-tisħin

It-telf tas-sħana mill-bini għandu jiġi kkalkulat skond il-prattika nazzjonali jew permezz ta' programm ta' l-informatika vvalidat u adattat bbażat fuq EN 832, l-Euronorm għall-kalkolu tat-telf tas-sħana. Wara, dan it-telf tas-sħana għandu jitqabbel mal-valuri attwali rikjesti mir-regoli tal-bini. Għall-bini eżistenti, ġeneralment ikun effettiv f'termini ta' nfig li l-istandard ta' l-iżolament jitjeb biex ikun viċin il-valuri attwali qabel ma jintgħażel id-daqs tal-pompa tas-sħana għat-telf tas-sħana mnaqqas.

Il-fattur tal-prestazzjoni staġjonali u l-konsum ta' l-enerġija għat-tisħin

Il-kalkolu għandu jikkunsidra

— Il-klima (it-temperatura ta' l-arja ta' barra)

— It-Temperatura tal-Ħruġ Maħsuba

— Il-varjazzjoni fit-temperatura ta' l-art fuq sena (għall-pompi tas-sħana bis-sors tas-sħana mill-art, kemm b'kolletturi vertikali kif ukoll b'dawk orizzontali)

— Temperatura mixtieqa fuq ġewwa

— Livell tat-temperatura tas-sistemi idroniċi tat-tisħin

— Id-domanda annwali għall-enerġija għat-tisħin ta' spazju

— Id-domanda annwali għall-enerġija għall-ilma sħun għal użu domestiku (jekk tapplika)

Il-Proporzjoni ta' l-Enerġija Primarja (PER) u l-Emissjonijiet annwali tas-CO₂

L-effiċjenza medja għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija/tal-gass kif ukoll telf mill-grid elettriku/mid-distribuzzjoni tal-gass li għandhom jintużaw għall-kalkolu. L-emissjonijiet tas-CO₂ u l-iffrankar għandhom jiġu kkalkulati abbażi ta' l-użu ta' l-enerġija primarja.

4. L-assorbiment tas-sħana mix-xemx u d-daqs tas-sistema tat-tkessiħ

Jekk is-sistema tista' wkoll tkessaħ, l-assorbiment tas-sħana mix-xemx tal-bini għandu jiġi kkalkulat skond il-prattika nazzjonali jew permezz ta' programm ta' l-informatika vvalidat. Imbagħad, dan l-assorbiment tas-sħana għandu jitqabbel mal-valuri attwali rikjesti mir-regoli tal-bini. Għall-bini eżistenti, ġeneralment ikun effettiv f'termini ta' nfiq jekk jitnaqqas l-assorbiment tas-sħana mix-xemx qabel ma jintgħażel id-daqs tal-pompa tas-sħana għal assorbiment tas-sħana mnaqqas.

Il-proporzjon ta' l-effiċjenza staġjonali ta' l-enerġija u l-konsum ta' l-enerġija għat-tkessiħ

Il-kalkolu għandu jikkunsidra

- Il-klima (it-temperatura ta' l-arja ta' barra)
- It-Temperatura ta' Barra Maħsuba
- Il-varjazzjoni fit-temperatura ta' l-art fuq sena (għall-pompi tas-sħana bis-sors tas-sħana mill-art, kemm b'kolletturi vertikali kif ukoll b'dawk orizzontali)
- Temperatura mixtieqa fuq ġewwa
- Livell tat-temperatura tas-sistemi idroniċi tat-tisħin
- Id-domanda annwali għall-enerġija għat-tkessiħ ta' l-ispazji

Il-Proporzjoni ta' l-Enerġija Primarja (PER) u l-Emissjonijiet annwali tas-CO₂

L-effiċjenza medja għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija/tal-gass kif ukoll telf mill-grid elettriku/mid-distribuzzjoni tal-gass li għandhom jintużaw għall-kalkolu. L-emissjonijiet tas-CO₂ u l-iffrankar għandhom jiġu kkalkulati abbażi ta' l-użu ta' l-enerġija primarja.

5. Taħriġ għal min jinstalla u għal min iħaffer l-ispieri

Korsijiet adattati huma disponibbli fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri li jippermettu lil min jinstalla biex jikseb il-kwalifiki nazzjonali jew Ewropej akkreditati meħtieġa. Il-manifatturi għandhom jew jorganizzaw il-korsijiet tagħom stess biex jassistu lil min jinstalla fl-użu tat-tagħmir tagħhom jew inkella jaħdmu ma' istituti lokali tat-taħriġ biex jipprovdu informazzjoni bħal din bħala parti mill-korsijiet tagħhom.

Għall-pompi tas-sħana li s-sors tas-sħana tagħhom hija l-art, fejn hija meħtieġa spiera, korsijiet adattati għal min iħaffer l-ispieri huma disponibbli f'xi wħud mill-Istati Membri.

BAGĪTS

DOKUMENTI MEHMUŻA MAL-BUDGET ĠENERALI GĦALL-UNJONI EWROPEA

L-ewwel *budget* ta' emenda ta' l-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini (EMEA) għall-2007

(2007/743/KE)

Skond l-Artiklu 26 (2) tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini (EMEA), adottat mill-Bord ta' Tmexxija fl-10 ta' Ġunju 2004, "il-*budget* u l-*budgets* ta' emenda, hekk kif ġew adottati l-aħħar, jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*".

L-ewwel *budget* ta' emenda ta' l-EMEA għall-2007 kien adottat mill-Bord ta' Tmexxija fl-4 ta' Ottubru 2007 (EMEA/MB/280571/2007)

(f'EUR)

Partita	Deskrizzjoni	Budget 2005	Budget 2006	Budget 2007	Emendi	Budget rivedut 2007
<i>Dħul</i>						
1 0 0	Miżati miġbura	71 895 056	92 580 000	105 870 000	2 700 000	108 570 000
5 2 0	Dħul minn imgħax mill-bank	750 726	650 000	916 000	84 000	1 000 000
5 2 1	Dħul minn ċertifikati ta' l-esportazzjoni, distribuzzjonijiet paralleli u miżati amministrattivi simili oħra	2 779 825	5 375 000	4 618 000	425 000	5 043 000
6 0 0	Kontribuzzjonijiet lil Programmi Komunitarji u dħul minn servizzi	—	760 000	490 000	216 000	706 000
9 0 0	Dħul Mixxellanju	198 960	900 000	800 000	400 000	1 200 000
					3 825 000	
	Budget Totali	109 396 448	138 676 000	154 538 000	3 825 000	158 363 000
<i>Nfiq</i>						
2 1 2 5	L-Analiżi, il-programmazzjoni u l-assistenza teknika għal proġetti speċifikati	3 680 288	5 267 000	6 024 000	909 000	6 933 000
3 0 1 0	Valutazzjoni ta' prodotti mediċinali	29 098 525	46 058 000	46 513 000	2 700 000	49 213 000
3 0 5 0	Programmi Komunitarji	131 921	760 000	490 000	216 000	706 000
					3 825 000	
	Budget Totali	105 355 032	138 676 000	154 538 000	3 825 000	158 363 000

III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/744/PESK

tad-19 ta' Novembru 2007

li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' l-UE biex jikkontribwixxi għall-preparazzjonijiet ta' l-istabbiliment ta' Missjoni Internazzjonali Ċivili possibbli fil-Kosovo, inkluż komponent ta' Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Grupp ta' Preparazzjoni ICM/EUSR)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Settembru 2006 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK ⁽¹⁾ li tiskadi fit-30 ta' Novembru 2007.
- (2) Il-mandat tal-Grupp ta' Preparazzjoni ICO/EUSR għandu jiġi emendat u estiż sal-31 ta' Marzu 2008, jew 30 jum wara l-ħatra ta' l-ICR/EUSR, jekk dan iseħħ qabel l-1 ta' Marzu 2008.
- (3) L-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK għandha tiġi estiża u emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK hija b'dan estiża sal-31 ta' Marzu 2008, suġġett għall-Artikolu 3 ta' din l-Azzjoni Konġunta.

Artikolu 2

L-ammont finanzjarju ta' referenza ta' EUR 3 551 000 kif stabbilit fl-Artikolu 9(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK għandu jiżdied b'EUR 1 692 000 sabiex ikopri n-nefqa relatata

mal-mandat tal-Grupp ta' Preparazzjoni ICO/EUSR mill-1 ta' Diċembru 2007 sal-31 ta' Marzu 2008.

Artikolu 3

Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 14 ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandu jiskadi fil-31 ta' Marzu 2008, jew 30 jum wara l-ħatra ta' l-ICR/EUSR, jekk dan iseħħ qabel l-1 ta' Marzu 2008."

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Novembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

L. AMADO

⁽¹⁾ ĠU L 253, 16.9.2006, p. 29. Azzjoni Konġunta kif estiża l-aħħar mill-Azzjoni Konġunta 2007/517/PESK (ĠU L 190, 21.7.2007, p. 38).

CORRIGENDUM

Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1347/2007 tas-16 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali ta' **Rapportaġġ Finanzjarju (IFRS) 8 (1)**

(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 300 tas-17 ta' Novembru 2007)

Il-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmi hawn fuq ġiet imħassra.
